**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru, 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru : 170 /2020 AGV</u>**

**RM O**

**Vs**

**FE O**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors ta' RM O fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta'  Gunju  tas-sena 1994 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkata bhala DOK A.

2. Illi minn dan z-zwieg twieled tifel bl-isem ta'  S EO nhar is-sbatax ta' Jannar tas-sena 1997 u illum ghandu tlieta u ghoxrin sena.

3. Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

4. Il-medjazzjoni bejniethom ma sehhetx stante li l-konvenut qatt ma deher ghal tali seduti u ghaldaqstant ir-rikorrenti giey awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet datat il-14 ta' Awwissu 2020 (ara  DOK C hawn  anness).

5. Illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet jehtieg li tigi xolta u likwidata.

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi E O minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji

gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment oltre u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. L-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta Malta fis-shih jew parzjalment b`dan illi jekk ikun il-kaz il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data ta' meta l-konvenut ikun ta' lok illi issir din is-separazzjoni.

3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b`opera perit nominandi.

4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f`zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju, li jigu lilu prefiss, l-oggetti parafernali taghha u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

7. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' C (mhux identifikat il-kunjom) **(emfazi ta' dina l-Qorti).**

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta’ Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir- Risposta guramentat tal-konvenut FE O **fejn eccepixxa illi:-**

1. Illi huwa minnu li z-zwieg tkisser irremedjabilment izda dan sehh unikament u esklussivament b`tort u htija tal-attrici minhabba abbandun da parti tal-attrici, adulterju u anke minhabba mohqrija , theddid u offizi gravi fil-konfront tal-eccipjenti, u ghalhekk l-ewwel talba kif dedotta fil-konfront tal-eccipjenti ghandha tigi michuda.

2. Illi b`referenza gat-talba rigward ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li l-eccipjenti jaqbel li tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tigi likwidata u diviza f`zewg porzjonijiet, anke permezz ta’ perit nominandi, ghandha tigi rigettata t-talba tal-attrici li jigu komminati kontra l-konvenut, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-eccipjenti billi l-htija tal-firda mitluba hija htija tal-attrici u mhux tal-eccipjenti, u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, b`dan l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-attrici.

3. Illi b`referenza ghas-sitt talba ma hemm l-ebda oggetti parafernali li huma dovuti mill-eccipjenti fil-konfront tal-attrici u ghalhekk din it-talba ghandha tigi respinta.

4. Illi l-eccipjenti jaqbel mas-seba’ u tmien talbiet filwaqt li jirrileva li l-attrici ghandha tindika kunjom xbubitha.

5. Illi l-eccipjenti jaf il-fatti hawn esposti *di scienza propria*.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjez kontra l-attrici ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza in parte deciza fl-14 ta’ Dicembru, 2022, fl-ismijiet **RM O vs FE O** fejn gie ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.[1]

Rat ir-rikors tal-konvenut fejn talab li dawn il-proceduri jigu kkonvertiti f’divorzju, ghal liema rikors, l-attrici ma oggezzjonatx.[2]

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici datata 28 ta’ Mejju 2024, u dik tal-konvenut datata 30 ta’ Lulju 2024.

[1] A fol 149 et seq.
[2] Vide verbal tal-21 ta’ Novembru, 2023

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

1. L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut fit-23 ta' Dicembru, 1992 il-Vibes Disco, San Gwann u wara sitt xhur izzewwgu civilment. Wara tmien xhur imbaghad izzewwgu fil-Knisja u wara li ccelebraw dan iz-zwieg marru jghixu ghand ommha.

   Fiz-zwieg l-attrici tikkonferma li kienet baqghet tahdem u kienet bis-*shift.* Kien hawn li ommha kienet gibditilha l-attenzjoni li meta tkun xoghol, il-konvenut kien johrog u kien ihalli lit-tifel ma' ommha. Kienet tikkonfrontah fuq dina l-kwistjoni u kien ighidilha li jkun iltaqa' ghal ftit ma' shabu u kienu jispiccaw jargumentaw. Ommha kienet tindahal ghax kien isawwatha u hi kienet tahbilha.

   Per konsegwenza kien beda jaghmlilha pressjoni sabiex jitilqu minn ma' ommha u krew post il-Hamrun u kienet kuntenta taghmel hekk sabiex ma tinwietax lil ommha. Xi sena wara li kienu ilhom ighixu l-Hamrun kienu krew garaxx u minn hawn beda l-inkwiet ghaliex il-konvenut ried jiehu l-linja telefonika fil-garaxx. Wara li oggezzjonat ghal dan, spiccaw kellhom glieda kbira u kien refa' idejh fuqha. Ghalkemm marret taghmel rapport ghand il-pulizija, kienu qalulha sabiex tikkalma specjalment jekk kienet trid terga' tmur lura mieghu u ma kienx hemm ghalfejn taghmel rapport.

Kien hemm okkazzjoni meta kienet telqet mid-dar u marret tghix lura ghand ommha u dan wara li l-konvenut, waqt glieda kien hedded lilha u t-tifel. Kull meta kien imur lura d-dar, il-konvenut kien jirreagixxi bhal li kieku ma gara xejn ghax ikun ha li ried u kien jerga' johloq argument maghha u jkun anke vjolenti jekk kienet isaqsih fejn kien mar.

L-attrici tixhed li kellha suspetti li l-konvenut kien qed jikkommetti adulterju u ssemmi diversi episodji li wassluha sabiex tikkonkludi hekk. Kienet sabitilu l-qmis imcappsa bil-lipstick, kienet sabet bra u dejjem kien isib skuza, sakemm fl-ahhar kienet segwitu fuq il-post tax-xoghol il-Medasia u ma sabitux hemm, izda kienet sabitu l-EF tal-istudenti u kien hemm li kkonfrontat lil MM u kienet gharfitha peress li l-konvenut kellu diversi ritratti maghha fuq Facebook. Kienet staqsietha jekk kinitx taf li l-konvenut kienx mizzewweg u kienet qaltilha li kien qallha li ma kienx,

Ikkonfrontat il-konvenut ukoll u kienet ammettiet mieghu li kienet konxja li kien qieghed f'relazzjoni maghha u talbitu jiddeciedi. L-ghada kienet irceviet ittra legali minghand l-avukat tal-konvenut fejn talabha li jibdew bil-proceduri ta' separazzjoni.

Minn hawn kienet marret ghand l-Appogg sabiex isibulha akkomodazzjoni u kienet marret tghix hemm, sakemm iddecidiet li tahfer lill-konvenut, li kien icemplilha kuljum u marret lura d-dar.

Madanakollu, il-glied kompla ghaddej u kienet marret go home xi tlett darbiet b'kollox.

Issemmi incident iehor, fejn il-konvenut kien organizza weekend Ghawdex ghall-gheluq sninha u waqt li kienu Ghawdex kienet indunat li kien ircieva diversi telefonati fuq il-mobile u wara li raqad iccekjat u qrat messagg minghand din M  fejn qaltlu "*I love you and I miss you*."

Kien anke baqa' jigbed u jdum barra. Kien anke juzalha l-cashlink taghha u jonfoq bl-addocc u kull meta talbitilu lura kien johloq argument.

Izid tghid li kienet tat lill-konvenut Eur. 10, 000 sabiex jixtri post Tunez. U suppost hu hareg l-istess ammont. Pero' ma kinitx taf x'gara peress li kien tela' Tunez, il-konvenut u qalilha li kien iffirma l-kuntratt, li qatt ma rat u ffirmat.[3]

2. Il-konvenut jikkonferma l-verzjoni attrici ta' kif iltaqghu u li wara li zzewwgu bil-Knisja marru jghixu ghand omm l-attrici. Miz-zwieg twieled tifel S  li llum huwa maggorenni.

[3] Dok. LA 3

Jispjega li l-problemi nqalghu minhabba l-hafna ndhil ta' omm l-attrici. Izid ighid li sfortunatament, l-attrici ma kinitx kapaci li tasal ghad-decizjoni wahedha u dejjem kienet tikkonsulta m'ommha sakemm tiehu decizjoni. Kien jipprova jigbdilha l-attenzjoni li d-decizjonijiet iridu jittiehdu bejniethom u mhux jaghmlu li tghid ommha.

Isostni li dejjem hadem ghall-familja u minn meta gie Malta dejjem hadem fil-*catering*, li jirrikjedi hinijiet twal u dejjem refa' r-responsabbilita' tal-familja.

Ighid li l-attrici dejjem kienet tissuspetta fih u kienet dejjem tallega li kellu relazzjonjiet ohra, filwaqt li hu jinsisti li dejjem irrispetta lil martu.

Meta bdew jinqalghu hafna problemi fiz-zwieg taghhom, l-iktar minhabba l-indhil ta' omm l-attrici, iddecieda li jitlaq mid-dar matrimonjali u kien ilu li telaq issa tlett snin.

In kontro-ezami, il-konvenut ighid li kienet id-decizjoni taghhom it-tnejn li jmorru jghixu ma' omm l-attrici. Kienet tindahal peress li kienet tikkummenta jekk kien johrog waqt li l-attrici kienet tkun xoghol u kien ihalli lill-minuri maghha.

Jikkonferma li meta telqu mid-dar tal-kunjata, marru joqoghdu faccata taghha.

Jispjega li l-attrici qatt ma kienet assumiet ir-responsabbilitajiet taghha ta' mara mizzewwga. Qatt ma kien imur id-dar u jsib l-ikel lest u lanqas biss kienet tipprova zzomm id-dar nadifa.

Jammetti li ma kienx ighidilha li kien hiereg, imbaghad kienet tikxfu omm l-attrici, izda jinsisti li ma kellux x'jahbi u ghax kien idum, l-attrici kienet bdiet tissusspetta fih. Izid ighid li fl-ahhar biss, meta kien iddecieda li jitlaq lill-attrici, li kien jorqod barra mid-dar.

Jishaq ukoll li l-partijiet m'ghandhomx proprjeta' lanqas Malta u lanqas Tunez flimkien u jichad li l-kuntratt li gie muri fuq akkwist ta' proprjeta' huwa f'ismu.

3. **Lorraine Attard** in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultalha li f'isem l-attrici kien hemm savings account li jgib in-numru 023108384050 u ghadu miftuh.[4]

   Ipprezentat ukoll entrati li saru bejn Marzu u Settembru, 2011.[5]

---

[4] Doks. LA1
[5] Dok. LA 2

Jirrizulta li kellha ukoll credit card li ghadu miftuh.[6]

F'isem il-konvenut jirrizulta li kien hemm savings account bin-numru 059033878050 li nghalaq fil-5 ta' Dicembru, 2018.[7]

Kien hemm ukoll kont ta' credit card u kien ghad hemm bilanc dovut.[8]

4. **Johanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet il-konvenut ghandu kont wiehed f'ismu li llum jinstab maghluq u dan kien savings account li jgib in-numru 15806191014.[9]

F'isem l-attrici tikkonferma li kellha tmien kontijiet li huma s-segwenti:-

i) Savings account 13806392019 li ghadu miftuh[10]
ii) Term deposit account 13806392035 li llum huwa maghluq[11]
iii) Term deposit account 1386392064 li llum huwa maghluq[12]
iv) Term deposit account in sterling 13806392077 u ghadu miftuh[13]
v) Term deposit account 13806392080 illum huwa maghluq[14]
vi) Term deposit account 13806392093 li llum huwa maghluq[15]

---

6 Dok. LA 3
7 Doks. LA 4
8 Dok. LA 5
9 Dok. JB 1
10 Dok. JB 2
11 Dok. JB 3
12 Dok. JB 4
13 Dok. JB 5
14 Dok. JB 6
15 Dok. JB 7

vii) Savings account 40010904608 li ghadu miftuh[16]

viii) Term deposit account 40011265593 li ghadu miftuh.[17]

Bhala kontijiet kongunti jirrizulta li kien hemm disgha li huma s-segwenti kif ukoll hemm tnejn minnhom designated R and EP -

i) Savings account 13810815016 li llum huwa maghluq[18]

ii) Loan account 33810815025 li llum huwa maghluq[19]

iii) Overdraft account 40011017628 li llum huwa maghluq[20]

iv) Savings account 40011024718 li llum huwa maghluq[21]

v) Loan account 40011496427 li llum huwa maghluq[22]

vi) Loan account 40011496485 li llum huwa maghluq[23]

vii) Business loan 40013822329 li llum huwa maghluq[24]

viii) Term deposit 40024067607 li llum ghadu miftuh[25]

ix) Term deposit 40024741596 li llum ghadu miftuh[26]

Ipprezentat ukoll sitt dokumenti ohra.[27]

---

16 Dok. JB 8
17 Dok. JB 9
18 Dok. JB 10
19 Dok. JB 11
20 Dok. JB 12
21 Dok. JB 13
22 Dok. JB 14
23 Dok. JB 15
24 Dok. JB 16
25 Dok. JB 17
26 Dok. JB 18
27 Doks. BOVX1 – BOVX 6 – BOVX1 u BOV X2 updated

5. **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta tikkonferma li l-konvenut ghandu hames vetturi rregistrati fuq ismu u fil-passat kellu tnejn.[28]

   Fir-rigward l-attrici tikkonferma li qatt ma kellhom u lanqas ghandhom vetturi rregistrati fuq isimhom.

6. **PS 1515** in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta erba' rapporti li ghamlet l-attrici fil-konfront tal-konvenut u dwar ir-rapport li sar fit-13 ta' Settembru, 2011 kienu ttiehdu passi.[29]

7. **Maria Russo**, in rapprezentanza tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal tispjega li l-attrici kienet ghamlet kuntatt darbtejn. L-ewwel darba kien kienet cemplet is-*support line* 179 fil-15 ta' Dicembru, 2017 fejn infurmathom li r-ragel taghha kien telaq mid-dar wara li kien abbuzaha fizikament. Kienet irrappurtat li kellha *black eyes*, tbengil u hruq ta' sigaretti f'ghonqha.

   Dakinhar tghid li l-abbuz sehh wara li hi kienet giet lura minghand l-avukat taghha peress li kienet marret sabiex tibda l-proceduri ta' separazzjoni. Kienu ghalhekk dahluha gewwa xelter flimkien mat-tifel taghha.

   Wara ftit jiem pero' l-attrici rritornat lura d-dar minhabba li l-konvenut beda jaghmlilha hafna pressjoni u kien anke wieghdha sabiex imorru terapija tal-familja. Kienu ssuggerewlha li ccempel l-Appogg

[28] Doks. KC 1 u KC 2
[29] Doks. AMS 1 – AMS 4

pero' ma kinitx cemplet id-Domestic Violence Unit u ma hallitx kuntatt fejn setghu jikkomunikaw maghha. Kienet ghamlet kuntatt maghhom ghal xi zmien, wara li marret lura d-dar fejn stqarret li l-konvenut kien qed ikun barra mid-dar hafna u anke kien qed jinsisti li t-tifel minuri ma jkellimx in-nanna materna. Wara l-kuntatt waqaf u fid-29 ta' Dicembru, 2011, il-kaz inghalaq.

Kienet ghamlet kuntatt ukoll darbtejn ohra fis-16 ta' Ottubru, 2016, minhabba li l-gurnata ta' qabel kellhom glieda u ghal darb'ohra l-konvenut refa' idejh fuqha u beda jheddidha. Tikkonferma li dakinhar kien sar *safety planning* maghha, izda mbaghad inqata' l-kuntatt maghha, Imbaghad fl-14 ta' Settembru, 2011 u l-kuntatt kien mas-sezzjoni tal-vjolenza domestika gewwa l-Agenzija Appogg.

Ikkonfermat ukoll li dak iz-zmien ma kienx ghadu jsir ir-*risk assessment* u li lanqas ma kienu tkellmu mal-konvenut.

8. **Anita Grima** in rapprezentanza tal-LESA kkonfermat li l-konvenut kellu diversi citazzjonijiet pendenti.[30]

9. **Dr. Glenn Garcia** in rapprezentanza ta' Primary Health ipprezenta kopji tan-noti li kien hemm fil-fajl mediku tal-attrici. [31]

10. **Anna Marie Cassar** in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-VAT ikkonfermat li mill-informazzjoni li ghandhom l-attrici mhix registrata ghall-iskopijiet ta' VAT.

[30] Doks. AG 1
[31] Dok. GC 1

11. **Anthony Bonnici** in rapprezentanza ta' Go plc. Jikkonferma li f'isem il-konvenut kien ghad hemm kontijiet pendenti u fil-fatt kien gie pprezentat mandat ta' sekwestru u dan sehh in esekuzzjoni ta' sentenza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar.[32]

12. **Charmaine Zammit**, in rapprezentanza ta' Epic Communications Limited tikkonferma li f'isem l-attrici kien hemm kuntratt li gie tterminat u kollox kien thallas. Dwar il-konvenut tghid li dan kellu *pre-paid account* li huwa inattiv u ghalhekk m'hemmx kontijiet fuqu u m'hemmx kontijiet pendenti.

13. **Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' JobsPlus ipprezenta informazzjoni dwar l-employment history tal-partijiet.[33]

14. **Marquette Tabone** in rapprezentanza ta' Melita kkonfermat li dwar kontijiet pendenti tal-partijiet kellhom servizz ta' internet and fixed telephony u tippreciza li dan kien "ceased account" fejn hemm bilanc pendenti ta' €371.95.

Tikkonferma li hemm kont iehor f'isem il-konvenut 8500014 fejn hemm bilanc pendenti ta' €93.31 u baqa' miftuh sas-26 ta' April, 2021.

Is-servizz mobile telephony tghid li huwa "ceased account" ukoll u cioe' li mhux qed jintuza.[34]

---

[32] Dok. AB 1
[33] Doks. LB 1 u LB 2
[34] Dok. MT 1

15. **M M** tikkonferma li hija l-partner tal-konvenut u ilhom flimkien minn Dicembru 2019 u kkonfermat ukoll li joqoghdu flimkien.

Ikkonfermat ukoll li kienet saret taf lill-konvenut tramite hbieb komuni u kienu siefru bhala parti minn grupp darba fl-2018 u fl-2019 ghal tieg u wara kienu spiccaw f'relazzjoni.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

**<u>Adulterju</u>**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

> "… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-*

> *adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika”.* (**“Rosina Micallef vs Angelo Micallef”** *Prim’Awla Deciza -27 ta’ Gunju 1964)”.*

Huwa mill-bidunett li l-attrici bdiet tissuspetta li l-konvenut kien qieghed ikun infidil lejha u dan wara l-ewwel gibditilha l-attenzjoni ommha li waqt li hi tkun ix-xoghol il-konvenut kien johrog u jdum u jhallilha t-tifel. L-attrici ssemmi li sabitlu l-qmis imcappsa bil-lipstick, kif ukoll kienet sabitlu qalziet ta’ taht ta’ mara bil-glitter.

Iktar tard fiz-zwieg is-suspetti waqghu fuq certu MM eress li kienet rat diversi ritratti taghhom flimkien fu q Facebook u fil-fatt l-attrici stess kienet marret tikkonfrontaha fuq il-post tax-xoghol taghha, fejn din l-istess M ammettiet maghha li l-konvenut ma kienx qalilha li hu mizzewweg.

Oltre minn hekk, l-istess M , meta mressqa bhala xhud ammettiet li ilha mal-konvenut mill-2019, izda kienet ilha tafu minn xi sena qabel peress li kienet siefret mieghu, flimkien ma’ grupp hbieb u minn hemm kienet bdiet il-hbiberija.

Effettivament, fl-istess zmien tas-sena 2018, kienu nbdew il-proceduri tal-medjazzjoni u dan wara l-attrici kienet tat ultimatum lill-konvenut biex jaghzel bejnha u M . Kien dakinhar stess li kien telaq

mid-dar u baghat ittra permezz tal-avukat tieghu sabiex jinbdew il-proceduri ta’ separazzjoni.

Il-konvenut jinsisti li l-attrici ma rnexxielix tipprova li hemm “indizi u prezunzjonijiet gravi” biex jippruvaw l-adulterju, izda dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tieghu u dan meta l-istess persuna li llum ighix maghha M  tammetti hi stess li kien ilu zmien 2018/2019 li bdew relazzjoni. Oltre minn hekk illum ighixu flimkien u l-attrici mill-ewwel kellha s-suspetti fuq dina l-persuna, wara li rat ritratti taghhom fuq Facebook u kienet anke qrat messagg minghand M fejn qalet lill-konvenut li kienet thobbu.

Ghaldaqstant, jezistu ragunijiet sufficjenti fil-ligi biex dina l-Qorti tiddeciedi li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ adulterju fil-konfront tal-attrici,

**<u>Ingurji, theddid, swat u eccessi</u>**

L-attrici pprezentat diversi incidenti li sehhew fid-dar matrimonjali fejn akkuzat lill-konvenut tali refa’ idejh fuqha diversi drabi u kien hemm hafna theddid.

L-iktar il-glied kien minhabba li l-konvenut kien jitlaq ‘l barra u kien ihalliha mat-tifel u meta kienet tikkonfrontah kien jaqbad u jibda jheddidha jew isawwatha. Fil-fatt gew ipprezentati erba’ rapporti li saru mill-attrici fil-konfront tal-konvenut u fuq rapport wiehed biss

ittiehdu passi, precisament fit-13 ta’ Settembru, 2011. Hafna drabi l-attrici kienet tahfirlu u terga’ taghtih cans u ghalhekk ma ttiehdux passi.

Maria Russo in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg tikkorrobora l-verzjoni attrici fis-sens li kienet marret ghall-ghajnuna l-ewwel darba ghandhom fl-2011 fejn allegat li l-konvenut kien jabbuza minnha fizikament. Fil-fatt kienu sabulha post go xelter, flimkien mat-tifel, izda l-konvenut kien beda jaghmlilha hafna pressjoni sabiex tmur lura u jipprova jmorru ghat-terapija.

Fl-2016 kienet regghet ghamlet kuntatt maghhom peress li r-ragel kien rega’ sawwatha u Russo tikkonferma li kienu ppreparaw *safety plan* ghaliha, izda ppreferit li tmur lura d-dar. Dak iz-zmien ma kinux ghadhom isiru r-*risk assessments*.

Ghaldaqstant, il-verzjoni attrici tirrizulta bhala wahda veritiera li l-konvenut irrenda ruhu hati ukoll ta’ ingurji, sevizzi, eccessi u theddid.

**<u>Manteniment</u>**

**<u>Ghall-attrici</u>**

Ma jirrizultax li l-attrici qed tippretendi xi manteniment minghand il-konvenut ghaliha u dan peress li tahdem.

Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax li l-attrici qatt talbet manteniment minghand il-konvenut meta t-tifel kien ghadu minuri.

Fis-sottomissjonijiet taghha qed titlob li tinghata sehem tal-konvenut mid-dar sabiex jikkumpensa ghall-manteniment li qatt ma hallas il-konvenut. Primarjament, ma jirrizultax li hemm talba *ad hoc* ghall-hlas ta' manteniment jew addiritura ghall-hlas ta' arretrati ta' manteniment, Inoltre, illum iben il-partijiet ghandu 'l fuq minn 23 sena u ghaldaqstant m'ghadx hemm lok li jithallas manteniment.

**<u>Dekadenza</u>**

In vista tal-fatt li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju hemm lok li l-Artikoli 48, 50 u 51 japplikaw interament fil-konfront tal-konvenut b'mpd tassattiv.

**<u>Komunjoni tal-akkwisti</u>**

Il-komunjoni tal-akkwisti giet xolta b'effett minn Dicembru 2022. Sakemm dan sehh ma jirrizultax li kien hemm konsistenza sostanzjali fi hdan il-komunjoni tal-akkwisti.

Hemm referenza mill-attrici sabiex tigi assenjata sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali a saldu ta' arretrati ta' manteniment, izda minn imkien ma jirrizulta li l-partijiet akkwistaw dar. L-unika referenza li ghamlet l-attrici hija li kienu krew dar il-Hamrun, wara li telqu mid-dar ta' ommha. Il-konvenut lanqas biss isemmi xi pretenzjoni fuq l-

istess dar u dan meta mhuwiex kontestat li l-attrici tghix hemm flimkien ma' binha.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonferma li l-kirja tal-istess fond ghandha tigi assenjata lill-attrici u ghandha tinghata esklussivament id-dritt li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali.

**Mobbli**

L-attrici qed tippretendi li tigi assenjata l-mobbli li jinstabu fl-istess fond matrimonjali. Tenut kont tal-fatt li l-konvenut m'oggezzjonax ghall-istess, tenut kont tal-fatt li l-konvenut qed jinzamm hati tal-firda u fuq kollox, l-attrici qed tinghata d-dritt esklussiv li tghix fid-dar matrimonjali, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

**Djun**

L-attrici pproduciet diversi xhieda sabiex tipprova li l-konvenut halla diversi djun warajh u minhabba li qed tattribwilu l-htija tas-separazzjoni, li giet akkolta minn dina l-Qorti, qed tippretendi li dan l-istess dejn ghandu jigi assenjat lilu.

Mir-rizultanzi processwali, jirrizulta s-segwenti dejn:-

- **Melita** – hemm bilanc dovut ta' €371.95 sakemm xehed ir-rapprezentant[35]

[35] A fol. 167

- **GO plc.** – hemm mandat ta' sekwestru mahrug mill-istess socjeta' ghas-somma ta' €1010.22 kontra l-konvenut.[36]
- **LESA** – hemm diversi kontravvenzjonijiet pendenti u mix-xhieda tar-rapprezentanti ta' Transport Malta jirrizulta li l-attrici m'ghandha l-ebda vettura rregistrata fuq isimiha u dan lanqas fil-prezent u lanqas fil-passat.

In vista tal-fatt li jirrizulta li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, takkolji t-talba attrici u tassenja dan id-dejn u kwalsiasi bilanci li jezistu sad-data tas-sentenza ghandhom jigu assunti interament mill-konvenut.

**<u>Divorzju</u>**

Il-konvenut talab li dawn il-proceduri jigu kkonvertiti f'divorzju, ghal liema rikors, l-attrici ma oggezzjonatx.[37] Jirrizulta li ai termini tal-Artikolu 66A bejn il-partijiet ma jirrizultax li hemm lok ghar-rikonciljazzjoni. Il-partijiet ilhom ighixu separati *de facto* ghal iktar minn erba' snin u oltre minn hekk il-manteniment kif ordnat minn dina l-Qorti qieghed jithallas regolarment.

Ghaldaqstant, hemm ragunijiet sufficjenti sabiex dina l-kawza tigi kkonvertita f' wahda ta' divorzju.

**<u>DECIDE:</u>**

[36] A fol.140
[37] Vide verbal tal-21 ta' Novembru, 2023

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna l-hall taz-zwieg bejn il-konjugi E O u anke minhabba adulterju, ingurji gravi, sevizzi, eccessi u theddid tal-konvenut u konsegwentement tordna lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

ii) Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna l-applikazzjoni u l-effetti tad-disposizzjoni tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-konvenut b'mod assolut u dan mis-sena 2018.

iii) Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attrici u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

iv) Tichad il-hames talba attrici stante li m'hemmx in-necessita'.

v) Tichad is-sitt talba attrici stante li ma tirrizultax in-necessita'.

vi) Tilqa' is-seba' talba attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha.

vii) Tilqa' t-tmien talba attrici.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**